V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10472 — Deutsche Post DHL Group/JF Hillebrand Group)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 9/04)

1. Fit-22 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Deutsche Post AG, li topera bħala Deutsche Post DHL Group ("DPDHL", il-Ġermanja),

— JF Hillebrand Group AG u s-sussidjarji diretti u indiretti tagħha ("Hillebrand", il-Ġermanja).

Deutsche Post AG takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Hillebrand kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Deutsche Post AG: Deutsche Post AG hija l-entità prinċipali Ġermaniża tad-DPDHL. Deutsche Post AG hija attiva fil-loġistika, inklużi l-konsenja tal-pakketti nazzjonali u internazzjonali, is-servizzi internazzjonali express, l-ispedizzjoni u t-trasport tal-merkanzija, il-kummerċ elettroniku u l-ġestjoni tal-katina tal-provvista. Hija attiva wkoll fis-servizz postali fil-Ġermanja. Deutsche Post AG hija kkwotata fil-Borża ta' Frankfurt (il-Ġermanja).

— Hillebrand: Hillebrand hija attiva fit-trasport tal-merkanzija, inklużi servizzi ta' spedizzjoni tal-merkanzija bl-ajru, bil-baħar u bl-art inklużi servizzi anċillari u servizzi ta' loġistika tal-kuntratti għal-likwidi mhux perikoluż. Hillebrand tipproduċi wkoll il-flexitanks użati għat-trasport ta' likwidi bl-ingrossa fil-containers.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10472 — Deutsche Post DHL Group/JF Hillebrand Group

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-fax jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË